# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 101/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Jessica Grima)

vs

**Carmine Bongailas**

iben Victor, imwieled Pieta', fis-7 ta' Novembru, 1991, detentur tal-karta tal-identita' numru 574591(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Carmine Bongailas quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-5 ta' Novembru, 2012 ġewwa San Pawl il-Baħar:

1. Ġiegħel annimal isofri uġigħ, tbattija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u abbanduna animal;

2. Żamm jew qabel li jżomm annimali kellu jkun responsabbli għalih;

3. Inġurja jew hedded lil Stephanie Agius;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8 u 45(1)(a) tal-Kap. 39 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' elfejn euro. (€2000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmine Bongailas minnu ppreżentat fit-13 ta' Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata tal-5 ta' Marzu 2014 billi tirrevokha in kwantu sabet lill-esponent ħati taħt l-artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija, u sekondarjament u f'kull każ tvarjha billi tirriduċi l-piena inflitta fis-sens u għar-raġunijiet fuq esposti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-ewwel Qorti jidher li kienet sodisfatta li l-fatt biss tal-qtil tal-għasfur kien biżżejjed biex issib lill-esponent ħati taħt l-artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tispjega hekk:

"Si tratta hawnhekk *'sic et sempliciter'* fi qtil ta' annimal f'liema qtil il-Qorti frankament ma tara ebda ġustifikazjoni għaliex kellu jitwettaq; qtil li l-Qorti tikkonsidra bħala att estrem ta' krudelta' indipendentement mil-mod ta' kif ġie esegwit. Il-Kap 439 jipprovdi ċar [l-Artikolu 8 sub-inċis (2) u (3) li 'ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma' jista' jiġi abbandunat' u 'kull min iżomm l-annimal jew jaqbel li jżomm annimal għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom' - normi li m'għandhomx bżonn eluċidazzjoni fil-kuntest tal-kumplament tal-Att ċitato "

Wara dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tal-Maġistrati sabet l-imputat ħati taħt l-Artikolu 8 u kkundannatu multa ta' €2,000.

Bir-rispett dovut, il-qtil biss ta' annimal mhuwiex biżżejjed għall-finijiet tal-liġi biex jikkostitwixxi r-reat taħt l-artikolu 8 tal-Kap 439, anke jekk, fi kliem il-Oorti, "ma tara ebda ġustifikazzjoni għaliex kellu jitwettaq". L-artikolu 8 tal-Kap 439 huwa intiż biex jirregola l-mod kif jiġu trattati l-annimali fil-ħajja tagħhom. Bis-saħħa tal-inċis (1) tal-istess artikolu l-Ministru huwa mogħti s-setgħa li jipprovdi b'regolamenti kif speċi differenti ta' annimali għandhom jiġu mħarsa, mitmugħa, misqijin, mdewwa u mgħallma u l-kwalifiki tal-persuni li jkunu responsabbli għal dan. (Art. 8(1) Kap 439).

L-artikolu 8 jkompli hekk:

*(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija Jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat.*

*(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm annimali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.*

Imkien ma jirriżulta mill-provi prodotti li l-għasfur f'xi mument ma kienx miżmum b'mod xieraq, jew li ġie mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq. Lanqas ma ġie abbandunat. Għal kuntrarju jirriżulta minn dak li qal l-imputat stess, mhux kontradett, li huwa jħobb l-annimali u kien għalhekk li t-tfajla tiegħu tagħtu l-love bird b'rigal għax "- *"b'dawk l-affarijiet biss nieħu pjaċir, annimali u hekk. "* Sfortunatament fiċ-ċirkostanzi emottivi tal-rnument kif spjegat minnu, f'saħħna tal-mument qatel lill-għasfur għax kien ifakkru fit-tfajla. B'dan pero fl-ebda mument ma ġiegħel lill-annimal isofri uġieghħ, tbatija jew dwejjaq. Huwa qatlu billi lwielu għonqu u l-għasfur miet mill-ewwel u bla tbatija. Kif innotat il-Qorti fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid testwalment *"qbadt u awwartlu rasu u mal-ewwel miet miskin"*. L-imputat iddispjaċih għall-mewt tal-għasfur.

Hawnhekk l-esponent jagħmel riferenza għall-Avviż Legali 124 tal-2013 (L.S. 439.13) pubblikat fis-16 ta' April, 2013 li fi Skeda IV jipprovdi għall-Metodi ta' qtil tal-annimali, Għalkemm dawn ir-regolamenti ma kienux għadhom ġew fis-seħħ fil-5 ta' Novembru, 2012 meta' nqatel l-għasfur

mertu tal-akkużi kontra l-esponent, dawn id-disposizzjonijiet kienu fis-seħħ meta ingħatat is-sentenza appellata u kellhom għalhekk iservu ta' gwida. Dawn ir-regolamenti jipprovdu li:

*2. Il-qtil ta' annimali għandu jiġi kkompletat b 'wieħed minn dawn il-metodi:*

*- omissis -*
*(c) dizlokazzjoni tal-għonq. (Reg. 2 (c) Skeda IV, L.S. 439.13).*

Fit-tabella li tidher fir-Regolament 3 imbagħad insibu li id-dizlokazzjoni ċervikali hija wieħed mill-metodi approvati għall-qtil ta' għasafar.

Minn dawn id-dispozizzjonijiet jidher ċar li l-qtil ta' għasafar bid-dizlokazzjoni tal-għonq mhuwiex meqjus mil-liġi bħala att ta' moħqrija. Wieħed jista' jargumenta jekk il-qtil innifsu kienx ġustifikat, iżda l-fatt li l-qtil ma kienx ġustifikat, ma jfissirx li l-mod kif sar il-qtil kien jammonta għal moħqrija. Għalhekk l-esponent ma setax jiġi misjub ħati taħt l-artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-esponent jirrileva wkoll li huwa kien akkużat u nstab ħati li kkommetta atti ta' moħqrija ġewwa San Pawl il-Baħar.' Mill-provi mressqa jirriżulta li huwa qatel l-għasfur fid-dar tiegħu n-Naxxar u għalhekk anke f'dan ir-rigward l-akkuża ma tistax trieġi.

Mingħajr pregudizzju għas-sottomissjonijiet t'hawn fuq, il-piena inflitta mill-Oorti tal-Maġistrati kienet f'kull każ u fiċ-ċirkostanzi waħda eċċessiva.

L-imputat iħobb l-annimali tant li l-għasfur ingħatalu b'rigal proprju għaliex iħobb l-annimali. Ma nġiebu ebda provi u ma kien hemm ebda allegazzjoni li l-esponent kien jaħqar l-għasfur jew xi annimal ieħor. Dak li ġara ma jikkostitwix moħqrija fit-termini tal-liġi, u f'kull każ ġara biss f'saħħna tal-mument. Ir-relazzjoni bejn l-imputat u Stephanie Agius, kienet għadha kif intemmet b'mod emozzjonali tant li Stephanie Agius ħedditu li jekk jitlaqha kienet ser tikkommetti suwiċidju. Meta mbgħad l-imputat li in-nhar stess Stephanie Agius kienet ħarġet ma ħbiebha Paceville waqt li hu kien baqa' d-dar, ħassu tradut u fis-saħħna tal-mument ġabar kollox li kien

tagħha, qatel l-għasfur billi lwielu għonqu u niżel San Pawl il-baħar u ħallielha kollox fuq il-windscreen tal-karozza.

Huwa ovvju li dak li għamel ma kienx premeditat, iżda kif huwa stess iddikjara, f'saħħna tal-mument li għalih iddispjaċih. Kien aktar ġest ta' xi ħadd imweġġa' milli xort'oħra. Anke l-messaġġi li bagħtilha kienu motivati minn dan is-sentiment flimkien mal-fatt li għajritu miġnun. L-imputat ma kkommetta ebda ħsara fil-proprjeta' tagħha u l-ġest evidentement kien aktar wieħed ta' dispjaċir milli xort'oħra. Filfatt apparti dak l-inċident ma kien hemm ebda komunikazzjoni oħra ma' Stephanie Agius.

F'dawn iċ-ċirkostanzi il-piena inflitta ta' €2,000 hija f'kull każ waħda eċċessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-aggravji tal-appellant jistgħu jkunu sintetizzati hekk:

1. Li hu ma ħaqarx l-għasfur u li mexa skont l-Avviż Legali 439.13 meta lwielu għonqu.
2. Il-piena hija eċċessiva

Il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju . L-għan tal-Liġi dwar l-annimali huwa li tipproteġihom u teħlishom minn kull moħqrija . L-appellant jgħid li jħobb l-annimali u hawnhekk għażel li joqtol lill-għasfur biex juri min hu lill-ex tfajla tiegħu. Ma ħabbilx rasu li ser item il-ħajja tal-għasfur għal xejn b'xejn. Sempliċiment għax l-ex tfajla tiegħu kienet ħarġet mal-ħbieb wara li hu stess kien iddeċieda li jitlaqha.

Is-sottomissjoni li l-artikolu 8 tal-Kap 439 jittratta biss  dwar il-kundizzjoni li għandhom jinżammu fiha l-annimali hija skorretta . Jekk wieħed għandu jieħu ħsieb l-annimal  aktar u aktar ma għandux joqtlu kiesaħ u biered. Mhux aċċettabli s-sottomissjoni li għax l-annimal inqatel mill-ewwel jew skont il-L.S. 439.13 allura ma sarx ir-reat. Ir-reat twettaq għaliex, kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti intgħażlet il-forma l-aktar estrema tan-nuqqas ta' ħarsien -il-Mewt.

Il-Qorti lanqas mi sejra taċċetta s-sottomissjoni li l-Avviż Legali 439.13 jagħti direzzjoni kif għandha tintemm il-ħajja t'annimal. Dawn ir-Regolamenti qegħdin hemm biex ikomplu jsaħħu l-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux biex iġibhom fix-xejn. Żgur ma jippermettix il-qtil kiesaħ u biered ta' annimal għax xi ħadd ikun maħruq .
Fl-istqarrija l-istess appellant jammetti li kien kiteb is-segwenti lil ex-għarusa tiegħu:

*'Issa tkun taf x'insarraf jien, ħallejtlek xi ħaġa fuq il-karozza u lesti ruħek hi issa tkun taf minn hu Carmine* ***u kemm jasal'****.*

L-aħħar tliet kelmiet  huma sottolineati mill-Qorti. Dan is-sottolinear qed isir biex il-Qorti tkompli toħroġ fil-beraħ kemm dan il-qtil kien l-aktar forma serja ta' moħqrija. L-Artikolu 8 tal-Kap 439 u r-regolament 2 (C) skeda IV tal-L.S. 439.13 żgur ma jiġġustifikawx aġir bħal dan.

It-tieni aggravju huwa dwar il-piena. L-Ewwel Qorti qieset il-parametri tal-Liġi li huma bejn €500 u €30,000 u ddeċediet fuq elfejn (€2,000)  Ewro.

Il-Qorti mhu qed tara ebda raġuni għala għandha tvarja din il-piena.

Għaldaqstant din il-Qorti, tichad l-appell ta' Carmine Bongailas u tikkonferma s-sentenza appellata.